

**Appell ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2016 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) fil-15 ta' Settembru 2016 fil-Kawża T-117/14, Cargill vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-608/16 P)**

(2017/C 030/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellant*: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Marcos Fraile, aġent, N. Tuominen, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura*: Cargill SA, Il-Kummissjoni Ewropea, European Biodiesel Board (EBB)

### Talbiet

- tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Settembru 2016, u nnotifikata lill-Kunsill fis-16 ta' Settembru 2016, fil-Kawża T-117/14, Cargill SA vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;
- tiċħad ir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u intiż għall-annullament tar-regolament ikkontestat; u
- tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza sabiex tbatu l-ispejjeż relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura ta' appell sostnuti mill-Kunsill.

Sussidjarjament:

- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid;
- tirriżerva l-ispejjeż relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-proċedura ta' appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

1. **Fl-ewwel lok**, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju legali żbaljat sabiex tiddetermina jekk il-Kunsill kellhiex provi li jippermettulha tiddeċiedi li l-prezzijiet interni tal-materji primi li jinsabu fir-reġistri tal-esportaturi Arġentini kkonċernati kienu s-suġġett ta' distorsjonijiet suffiċjenti sabiex jkun iġġustifikat li dawn ma jittieħdux inkunsiderazzjoni u li l-Kunsill jirrikorri għall-metodu previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku <sup>(1)</sup>. B'hekk, il-Qorti Ġenerali imponiet fuq l-istituzzjoni oneru tal-prova tqil wisq.
2. **Fit-tieni lok**, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-provi prodotti mill-istituzzjonijiet ma kinux biżżejjed sabiex juru li kienet teżisti distorsjoni sinjifikattiva tal-prezzijiet tal-materji primi ewlenin fl-Arġentina imputabbli lis-sistema ta' TDE ma hijiex motivata b'mod korrett.
3. **Fit-tielet lok**, id-dispożittiv tas-sentenza appellata li jannulla d-dazji antidumping sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti fl-ewwel istanza huwa sproporzjonat meta mqabbel mal-uniku motiv ta' annullament eżaminat mill-Qorti Ġenerali u jagħti effetti mhux xierqa lill-illegalità kkonstatata.
4. Il-Kunsill ser juri li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'varji żbalji ta' liġi li jaffettwaw il-validità tagħha. Il-Kunsill isostni barra minn hekk li l-fatti invokati fl-ewwel motiv imqajjem mir-rikorrenti fl-ewwel istanza huma stabbiliti suffiċjentement sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi fuq dan il-motiv u tiċħad ir-rikors.
5. Għaldaqstant, il-Kunsill jitlob bir-rispett li s-sentenza appellata tiġi annullata u li r-rikors għall-annullament tar-regolament ikkontestat ippreżentat mir-rikorrenti fl-ewwel istanza jiġi miċħud.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku").